MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 63/2000/1

Anthony u Theresa konjugi Camilleri .

vs

Gloria Galea .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti sabiex thallashom is-somma ta’ mitejn u sebghin lira u erbgha u sebghin centezmu (Lm210.40c), kif jirrizulta mill-annessi rcevuti, markati Dokumenti “A”, “B”, “C” u dana in linea ta’ danni minnek ikkagunati f’incident awtomobilistiku li gara fit-tmintax (18) ta’ April,2000 ghal habta tal-8.15 a.m. fit-triq Arcisqof Pietru Pace, Rabat, Ghawdex meta inti waqt li kont issuq vettura tat-tip “Renault” (numru ta’ registrazzjoni : BBG 737) investejt il-vettura misjuqa mill-attrici Theresa Camilleri tat-tip Kia Avella (Numru ta’ registrazzjoni : HAP 961) u kkagunajt l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, liema incident

gara unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghek u dana prevja d-dikjarazzjoni li inti unikament responsabbli ghal l-istess incident stradali hawn fuq imsemmi .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuta ghas-subizzjoni .

Bl-imghax skond il-ligi .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet :
1. Illi t-talba attrici hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi ;

2. Illi l-incident mertu in kawza gara kollu htija tas-sewqan traskurat u inavvertenti u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieqa Theresa Camilleri, ghal liema incident tahti hi unikament .

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u l-affidavits u dokumenti esebiti .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta kollizjoni stradali li sehhet bejn karozza misjuqa mill-attrici, u ohra misjuqa mill-konvenuta . Il-habta sehhet fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, Ghawdex, quddiem il-Knisja ta' Santa Marta, faccata tac-Cimiterju ta' l-Erwieh tal-Pesta, ghall-habta tat-tmienja u kwart ta’ filghodu (8.15 a.m.), meta l-kundizzjoni tat-triq kienet tajba u niexfa u jidher illi l-vizibilita' kinet tajba wkoll[1] . Fil-hin ta' l-incident l-attrici kienet qed tirriversja biex tidhol bejn karozzi pparkjati fil-gemb tat-triq quddiem

[1] Ara okkorrenza relattiva a fol .44 .

il-knisja u l-konvenuta kienet niezla mill-istess triq fid-direzzjoni ta' l-Imgarr . Il-habta sehhet billi l-konvenuta bil-kantuniera tax-xellug ta' quddiem tal-karozza taghha laqtet il-gemb tal-lemin tal-karozza misjuqa mill-attrici[2] .

Dawn huma l-verzjonijiet li taw is-sewwieqa lis-surgent Joseph Mizzi ‘a tempo vergine’, meta dan gie msejjah fuq il-post in segwitu ghall-habta . L-attrici qalet :
“*jiena kont niezla insuq fid-direzzjoni ta' Mgarr Road bil-mod . Ghamilt is-side indicator tax-xellug sabiex nipparkja hdejn il-kappella . Ghalhekk waqaft u appena bdejt nirriversja sabiex nidhol f'parking hdejn il-kappella smajt brejk minn warajja u daqqa fil-gemb tal-lemin tal-kaorzza tieghi . Jien kont naf li kien hemm vettura warajja izda kienet ghadha 'l boghod hafna*." Il-konvenuta spjegatlu : "*Kont insuq 'l isfel matul Triq Arcisqof Pietru Pace, meta quddiemi rajt karozza Hap 961 niezla 'l isfel . F'daqqa wahda din il-vettura waqfet u ndunajt li kienet bdiet tirriversja lura u tersaq lejn il-kappella . Ghalhekk jien gbidt ftit 'l barra izda ma stajtx aktar il-ghaliex kienet tiela karozza ohra minn isfel . Jien applikajt il-brejk izda xorta hbatna*." [3]

Dwar il-manuvra ittentata mill-attrici, nsibu fir-regolamenti tat-traffiku illi : "**Kull min isuq vettura bil-mutur ma ghandux iregga' lura izjed 'il boghod jew f'izjed milli jkun bilfors mehtieg u ghandu jiehu dawk il-prekawzjonijiet li huma mehtiega biex jiskansa hbit u accidenti ma' nies jew vetturi ohra fit-triq**."[4] Hekk ukoll jinghad fil-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq illi : "**Qabel ma tregga' lura, kun zgur li ma jkunx hemm xi tfal jew nies jew ostakli ohra warajk . Ftakar li meta ssuq b'lura u ddawwar, il-parti ta' quddiem tal-vettura tieghek tesporgi 'l barra fit-triq**." [5]

Dan ma jidhirx illi hadet hsieb tosservah sew l-attrici, ghax minkejja li lis-surgent qaltlu li l-karozza l-ohra kienet

---

[2] Ara skizz relattiv esebit a fol. 21 u 41 tal-process u ritratt TC. 1 a fol. 28 .

[3] ara kopja ta' l-okkorrenza relattiva esebita bhala Dok. AC. .2. a fol. 42 – 43 .

[4] Reg. 81 M.V.R. (A.L. 128/94) .

[5] Reg. 200 H.C. (Ed. 2001) .

ghadha 'l boghod hafna x'hin bdiet din il-manuvra taghha biex tirriversja, fid-depozizzjoni quddiem din il-Qorti spjegat illi : "… *ghamilt l-indicator ghax hemm il-parking, tajt is-sinjali kollha … waqaft, tajt ftit sekondi x'hin waqaft, u bdejt nirriversja lura jiena … ghal go l-parking . Apparti li dahhalt nofs il-karozza gol-parking, mal-gemb … rajt karozza gejja … x'hin harist hekk lura, mal-gem bejn, x'hin gibt il-korozza kwazi nofsha go l-parking, rajt karozza gejja . Jiena ma kellix x'naghmel, bqajt nitharrek bil-mod il-mod*." [6] Dan ifisser illi l-attrici ma kienitx prudenti bizzejjed biex tesplora x'traffiku seta' kien niezel minn warajha qabel ma ttenttat taghmel il-manuvra taghha . Jidher illi bdiet tirriversja minghajr ma harset lura u ndunat bil-karozza tal-konvenuta x'hin kien tard wisq . Biex tkompli taggrava s-sitwazzjoni minflok ma ghagglet tidhol fil-*parking bay*, baqghet titharrek "bil-mod il-mod" .

Zgur li mhuwiex il-kaz illi l-konvenuta kienet aljenata u ma ndunatx x'kienet qed tipprova taghmel l-attrici . Anzi ndunat kmieni bizzejjed biex lahqet applikat il-*brakes* ghal tul ta' izjed minn tnax il-metru u gibdet kemm setghet ghal nofs it-triq[7] . Il-konvenuta, rinfaccjata b'dan l-ostakolu istantanju meta l-karozza ta' l-attrici invaditilha l-karreggjata taghha, fi sforz li tiehu *evasive action*, ghafset il-*brakes* u gibdet ghal nofs it-triq kemm setghet, tant li kif stqarret hi stess, ma setghetx tigbed iktar lejn il-lemin, ghax kien hemm il-periklu li hija stess tinvadi l-karreggjata tal-karozzi telghin mid-direzzjoni opposta. Hekk ukoll kieku kif qed issostni l-attrici, il-konvenuta kienet daqstant aljenata li ma ndunatx bil-karozza qed tigi pparkjata quddiemha, l-probabilita' hija li ma kienet tinduna xejn b'din il-karozza, anqas fl-ahhar mumenti, u d-daqqa kienet tkun ferm iktar kbira u mhux semplici sbrixx fil-gemb tal-karozza kif fil-fatt gara .

F"dan ir-rigward huma applikabbli u ferm adattati ghac-cirkostanzi tal-kaz prezenti dak li ntqal mil-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet : "Brian Valenzia noe. vs. Monica Calleja" fl-14 ta' Gunju 1995 fis-sens illi : "… *il-*

---

[6] ara deposizzjoni ta' l-attrici a fol. 23, 24 .
[7] ara skizz a fol. 41 .

*konvenuta kienet negligenti fis-sewqan billi ma zammitx il-‘proper look out’ waqt li qed taghmel manuvra perikoluza u li biha setghet kif fil-fatt ghamlet ostakolat il-passgg liberu ta’ traffiku iehor . B’dan il-mod il-konvenuta geghlet lill-assigurat ta’ l-attur jigbed lejn il-lemin biex jevitaha u sar l-impatt*” . L-istess principju gie ribadit fil-kawza “Debattista vs. Gatt et.” (Prim’Awla 12.3.1991) fejn gie ritenut li meta sewwieq ikun qieghed jaghmel manuvra li biha ser jostakola l-passagg regolari ta’ vetturi ma ghandu jiehu ebda riskju u f’kaz ta’ dubbju d-dmir tieghu li jieqaf, jaghti avviz ta’ l-intenzjoni tieghu u jistenna sakemm u jkun cert li jista’ jissokta" .
Dan kollu l-attrici rrizulta li ma segwitux u ghalhekk il-Qorti ma tistghax ma ssibiex unikament responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tichad it-talbiet ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------